IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
# SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL

## SESSJONI MEJJU 2016/MAY 2016 SESSION

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NO.: | I |
| DATA/DATE: | 21 ta' Mejju 2016/21st May 2016 |
| ĦIN/TIME: | mis-9:00 a.m. sal-11:05 a.m./9:00 a.m. to 11:05 a.m. |

**Sezzjoni A (50 marka): Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija.**
***Section A (50 marks): Answer ALL the following questions. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question.***

1. a) Ikteb vers mill-Bibbja li fl-opinjoni tiegħek jiġbor il-qalba tal-Kristjaneżmu. (marka)
*a) Write a Bible verse that in your opinion reveals the core of Christianity. (1 mark)*

_______________________________________________

b) Spjega għaliex. (marka)
*b) Explain why. (1 mark)*

_______________________________________________

_______________________________________________

2. a) Indika **żewġ** ġrajjiet mill-Antik Testment li jiddeskrivu min hu Alla. (2 marks)
*a) Indicate **two** events from the Old Testament which describe who God is. (2 marki)*

(i) _______________________________________________

(ii) _______________________________________________

b) X'jifhmu l-Insara meta jirreferu għal Alla bħala Trinità? (marka)
*b) What do Christians understand when they refer to God as Trinity? (1 mark)*

_______________________________________________

_______________________________________________

3. a) Xi nfissru meta ngħidu li Alla tal-Insara hu Kbir, iżda hu wkoll Alla magħna? (marka)
*a) What do we mean when we say that the God of Christians is Great, but is also God with us? (1 mark)*

_______________________________________________

_______________________________________________

b) Spjega xi jfisser l-isem ta' Gesù. (marka)
*b) Explain the meaning of the name of Jesus. (1 mark)*

_______________________________________________

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

4. a) Xi jfissru l-kelmiet: “Araw b’liema għożża ħabbna l-Missier, nistgħu nissejħu wlied Alla.” (1 Ġw. 3, 1)? (marka)
*a) What is the meaning of the words: “You must see what great love the Father has lavished on us by letting us be called God’s children.” (1 Jn 3, 1)? (1 mark)*

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

b) Liema Sagrament juri dan? (marka)
*b) Which Sacrament shows this? (1 mark)*

________________________________________________________________________

5. “Meta kont tarbija, kont nitkellem ta’ tarbija, inħoss ta’ tarbija, naħseb ta’ tarbija. Meta sirt raġel warrabt dak li hu ta’ tarbija.” (1 Kor. 13, 11)
*“When I was a child, I used to talk like a child; feel like a child, think like a child. But now that I have became an adult, I have finished with all childish ways.” (1 Cor. 13, 11)*
a) Min kiteb dan il-kliem ? (marka)
*a) Who wrote these words? (1 mark)*

________________________________________________________________________

b) X’messaġġ xtaq iwassal b’dan il-kliem? (marka)
*b) What message did he wish to convey with these words? (1 mark)*

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

6. a) Xi nkunu nagħmlu meta fil-bidu tal-quddiesa ngħidu: “Nistqarr ’l Alla …”? (marka)
*a) What are we doing when at the beginning of Mass we say: “I confess to God ...”? (1 mark)*

________________________________________________________________________

b) Ikteb l-ewwel vers tal-Istqarrija tal-Fidi Nisranija. (marka)
*b) Write the first verse of the Christian Profession of Faith. (1 mark)*

________________________________________________________________________

7. a) Xi jfissru l-kelmiet: “Bi Kristu, ma’ Kristu, fi Kristu”? (marka)
*a) What is the meaning of the words: “Through him, with him, in him”? (1 mark)*

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

b) Ikteb it-tifsira tal-kelma “Ammen”. (marka)
*b) Write the meaning of the word “Amen”. (1 mark)*

________________________________________________________________________

8. Liema huma ż-**żewġ** kmandamenti l-kbar mgħoddija lilna minn Ġesù? (2 marki)
*What are the **two** great commandments passed on to us by Jesus? (2 marks)*

(i) __________________________________________________________________

(ii) __________________________________________________________________

9. a) Ikteb, f'ordni kronoloġiku, l-isem ta' **erba'** personaġġi li jimmarkaw ġrajjiet ewlenin li nsibu fil-Bibbja. (2 marki)
*a) Write, in a chronological order, the name of* ***four*** *individuals who mark major events that we find in the Bible. (2 marks)*

(i) ______________________

(ii) ______________________

(iii) ______________________

(iv) ______________________

b) Xi nfissru meta ngħidu "forom letterarji" fil-kuntest tal-Bibbja? (marka)
*b) What do we mean when we say "literary forms" in the context of the Bible? (1 mark)*

______________________

______________________

10. a) F'liema sens il-kelma ta' Alla hi "ħajja u qawwija" (Lhud 4, 12)? (marka)
*a) In what sense is the word of God "alive and active" (Heb. 4, 12)? (1 mark)*

______________________

______________________

b) Agħti eżempju **wieħed** biex turi kif il-Kelma ta' Alla tgħinek fil-ħajja tiegħek. (marka)
*b) Give* ***one*** *example to show how the Word of God assists you in your life. (1 mark)*

______________________

______________________

11. Ikteb l-isem ta' **erba'** profeti. (2 marki)
*Write the name of* ***four*** *prophets. (2 marks)*

(i) ______________________

(ii) ______________________

(iii) ______________________

(iv) ______________________

12. a) X'inhu d-dnub? (marka)
*a) What is sin? (1 mark)*

______________________

b) Għaliex is-suppervja hi attitudni ħażina? (marka)
*b) Why is pride a bad attitude? (1 mark)*

______________________

______________________

13. "Neħħi l-qorq minn riġlejk." (Eż. 3, 5)
*"Take off your sandals." (Ex. 3, 5)*
a) Lil min intqal dan il-kliem? (marka)
*a) To whom were these words addressed? (1 mark)*

b) Għaliex lil dan il-personaġġ inqabbluh ma' Ġesù? (marka)
*b) Why do we compare this person with Jesus? (1 mark)*

14. Ikteb u fisser id-disa' kmandament. (2 marki)
*Write and explain the ninth commandment. (2 marks)*

15. a) X'nifhmu meta ngħidu li Ġesù kellu karattru ħieles, sod u determinat? (marka)
*a) What do we mean when we say that Jesus had a free, strong and a determined character? (1 mark)*

b) Agħti eżempju wieħed biex turi kif Ġesù wera rispett lejn id-dinjità ta' min kien quddiemu. (marka)
*b) Give one example to show how Jesus showed respect towards the dignity of whoever was in front of him. (1 mark)*

16. a) Għaliex Ġesù waqqaf il-Knisja fost il-bnedmin? (marka)
*a) Why did Jesus found the Church among humans? (1 mark)*

b) X'nifhmu meta ngħidu li "fil-Knisja nsibu ħafna membri, doni u ħidmiet"? (marka)
*b) What do we mean when we say that "in the Church we find various members, talents and tasks"? (1 mark)*

17. a) Fisser il-kliem: "Mur, u mil-lum 'il quddiem tidnibx iżjed." (Ġw. 8, 11) (marka)
*a) Explain the words: "Go, and from this moment sin no more." (Jn 8, 11) (1 mark)*

b) Xi jfittex il-midneb fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni? (marka)
*b) What does the sinner seek in the Sacrament of Reconciliation? (1 mark)*

18. a) Għaliex l-Ewkaristija hi l-ikbar Sagrament? (marka)
*a) Why is the Eucharist the greatest Sacrament? (1 mark)*

b) X'fisser Ġesù meta qal: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Lq. 22, 19)? (marka)
*b) What did Jesus mean when he said: "Do this in remembrance of me."(Lk. 22, 19)? (1 mark)*

19. Għaliex il-Knisja tuża d-dinjità tal-bniedem biex issemma l-opinjoni tagħha dwar it-tolleranza, ir-rispett u d-djalogu? (marka)
*Why does the Church refer to human dignity to voice her opinion about tolerance, respect and dialogue? (1 mark)*

20. a) Waqt liema Sagrament jingħad il-kliem: "Ħu s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu"? (marka)
*a) During which Sacrament are the words "Take the seal of the gift of the Holy Spirit" said? (1 mark)*

b) Semmi **tliet** effetti li jħalli dan is-Sagrament fuq kull min jirċevih. (3 marki)
*b) Mention **three** effects which this Sacrament leaves on its recipient. (3 marks)*

(i) ____________________

(ii) ____________________

(iii) ____________________

21. Għaliex il-ħajja hi sagra? (marka)
*Why is life sacred? (1 mark)*

22. a) Ikteb l-isem ta' **erba'** dokumenti importanti tal-Knisja dwar ix-xogħol u l-qagħda tal-ħaddiema. (2 marki)
*a) Write the name of* ***four*** *important documents of the Church on the work and the situation of workers. (2 marks)*

(i) ______

(ii) ______

(iii) ______

(iv) ______

b) Fisser il-messaġġ ta' wieħed minn dawn id-dokumenti. (marka)
*b) Explain the message of one of these documents. (1 mark)*

23. X'għandu jfisser għan-Nisrani li ż-żwieġ hu vokazzjoni? (marka)
*What does it mean to the Christian that marriage is a vocation? (1 mark)*

24. Fisser l-istqarrija: "Niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna". (marka)
*Explain the statement: "He came down from heaven for us men and for our salvation". (1 mark)*

25. "Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom" (Matt. 11, 28).
*"Come to me, all you who labour and are overburdened, and I will give you rest" (Mt. 11, 28).*
X'messaġġ ried iwassal Ġesù permezz ta' dawn il-kelmiet? (marka)
*What message did Jesus wish to convey through these words? (1 mark)*

**Sezzjoni B (25 marka): Wieġeb dawn il-ħames mistoqsijiet f'forma ta' paragrafu fuq kull waħda. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija.**
***Section B (25 marks). Answer these five questions by writing a paragraph on each. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question.***

1. San Franġisk ta' Assisi wera rispett kbir lejn l-annimali u lejn il-ħolqien. Spjega għalfejn kull bniedem hu fid-dmir li jħares il-ħolqien t'Alla u jagħmel użu tajjeb minnu. (5 marki)
*St Francis of Assisi showed great respect towards animals and towards creation. Explain why every human being is bound to protect God's creation and make good use of it. (5 marks)*

2. Verità reliġjuża u verità xjentifika huma kumplimentari għal xulxin. Fisser din l-istqarrija billi wkoll tirreferi għal eżempju mill-Bibbja. (5 marki)
*Religious truth and scientific truth are complementary. Explain this statement by referring also to an example from the Bible. (5 marks)*

3. Irrakkonta ġrajja li fiha Ġesù wera interess fil-maħfra tal-midinbin. (5 marki)
*Narrate an event in which Jesus showed interest in the forgiveness of sinners.* *(5 marks)*

4. Għaliex l-Insara jaraw il-qawmien ta' Ġesù mill-mewt bħala l-aqwa ġrajja tal-ħajja tiegħu? (5 marki)
*Why do Christians see the resurrection of Jesus as the greatest event of his life?* *(5 marks)*

5. Il-Quddiesa hija maqsuma f'żewġ partijiet kbar. Għaliex hu meħtieġ li qabel ma wieħed jieħu sehem mill-mejda tal-Ġisem ta' Kristu, għandu jieħu sehem mill-mejda tal-Kelma tiegħu? (5 marki)
*The Mass is divided into two main parts. Why is it required that before one partakes from the table of the Body of Christ, one should partake from the table of his Word?* *(5 marks)*

**Sezzjoni Ċ (25 marka): Aqra sew dawn is-siltiet u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwuhom. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija.**
***Section C (25 marks): Read these texts carefully and answer ALL the questions that follow. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question.***

1. **It-teżor prezzjuż tal-Evanġelju**
***The precious treasure of the Gospel***

Il-Knisja rċeviet mingħand Ġesù t-teżor prezzjuż tal-Evanġelju, mhux biex iżżommu għaliha nnifisha, imma biex b'ġenerożità tgħaddih lill-oħrajn, bħalma tagħmel omm. F'dan is-servizz ta' evanġelizzazzjoni, il-Knisja, impenjata bħala omm, turi l-maternità tagħha b'mod speċjali, f'dak li toffri lil uliedha n-nutriment spiritwali li jmantni u jagħmel li l-ħajja Nisranija tagħti l-frott. Intant, aħna lkoll imsejħa biex nirċievu b'moħħ u qalb miftuħa l-Kelma ta' Alla li l-Knisja twasslilna kuljum, għaliex din il-Kelma għandha l-qawwa li tibdilna minn ġewwa. Il-Kelma ta' Alla biss għandha din il-qawwa li tibdilna minn ġewwa, mill-għeruq l-aktar fondi tagħna. Il-Kelma ta' Alla għandha din is-saħħa. U min jagħtina l-Kelma ta' Alla? Ommna l-Knisja. Hija, sa minn ċkunitna, tmantnina b'din il-Kelma, hija tgħajjixna tul il-ħajja b'din il-Kelma, u din hija meravilja! Hija fil-fatt Ommna l-Knisja li, bil-Kelma ta' Alla, tibdilna minn ġewwa. (Papa Franġisku, Udjenza Ġenerali, 3 ta' Settembru 2014)

*The Church has received from Jesus the precious treasure of the Gospel, not to retain it for herself, but to give it generously to others, as a mother would do. In this service of evangelisation, the Church, committed as a mother, manifests her motherhood in a special way, to offer her children the spiritual nourishment which nurtures and makes the Christian life bear fruit. However, we are all called to receive with an open mind and heart the Word of God which the Church imparts every day, because this Word has the power to change us from within. Only the Word of God has this power to change us from the inside, from our deepest roots. The Word of God has this power. And who gives us the Word of God? Mother Church. She nurses us from childhood with this Word, she raises us throughout our life with this Word, and this is great! It is actually Mother Church who, with the Word of God, changes us from within.* (Pope Francis, General Audience, September 3, 2014)

a. (i) F'din is-silta, x'aġġettiv qiegħed jagħti l-Papa biex jiddeskrivi l-valur tal-Evanġelju?(marka)
*a. (i) In this passage, what adjective is the Pope using to describe the value of the Gospel?*
*(1 mark)*

(ii) Għaliex taħseb li l-Papa qed jiddeskrivi l-Evanġelju b'dan il-mod? (2 marks)
*(ii) Why do you think that the Pope is describing the Gospel in this way? (2 marki)*

b. Għaliex il-Kelma ta' Alla hija "nutriment spiritwali li jmantni"? (2 marki)
*b. Why is the Word of God "spiritual nourishment which nurtures"? (2 marks)*

ċ. B'liema **żewġ** atteġġjamenti aħna għandna nersqu lejn il-Kelma ta' Alla li l-Knisja twasslilna kuljum? (2 marki)
*c. With what* ***two*** *attitudes should we approach the Word of God that the Church announces to us every day? (2 marks)*

d. "Il-Kelma għandha l-qawwa li tibdilna minn ġewwa". Kif? (2 marki)
*d. "The Word has the power to change us from within". How? (2 marks)*

e. "Mhux biex iżżommu għaliha nnifisha, imma biex b'ġenerożità tgħaddih lill-oħrajn." Permezz ta' **żewġ** eżempji, fisser kif inti tista' twassal l-Evanġelju lill-oħrajn fil-ħajja tiegħek. (2 marki)
*e. "Not to retain it for herself, but to give it generously to others." By means of* ***two*** *examples, explain how you can bring the Gospel to others in your life. (2 marks)*

**2. Rebħa permezz ta' Ġesù Kristu**
***Victory through Jesus Christ***

"Jinżera' ġisem li jitħassar, iqum ġisem li ma jitħassarx, jinżera' fil-għajb, iqum fil-ġieħ, jinżera' fid-dgħufija, iqum fis-saħħa; jinżera' ġisem naturali, iqum ġisem spiritwali ... Bħalma aħna mlibbsa x-xbieha tal-bniedem tal-art, hekk ukoll għad nilbsu x-xbieha tal-bniedem tas-sema ... Fejn hi, ja mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja mewt, in-niggieża tiegħek? ... Niżżu ħajr lil Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu." *(1 Kor. 15, 42-57)*

*"What is sown is perishable, but what is raised is imperishable; what is sown is contemptible but what is raised is glorious; what is sown is weak, but what is raised is powerful; what is sown is a natural body and what is raised is a spiritual body ... As we have borne the likeness of the earthly man, so we shall bear the likeness of the heavenly one ... Death, where is your victory? Death, where is your sting? ... Thank God, then, for giving us the victory through Jesus Christ our Lord."* (1 Cor. 15, 42-57)

a. (i) Ikteb **żewġ** sentenzi li jiddeskrivu l-Ġenna skont it-tagħlim Nisrani. (2 marki)
*a. (i) Write* ***two*** *sentences describing Heaven according to the Christian teaching. (2 marks)*

(ii) Għal xiex qiegħed il-Purgatorju? (marka)
*(ii) For what reason is there Purgatory? (1 mark)*

b. Meta l-bnedmin jagħżlu b'mod sħiħ li jwarrbu 'l Alla u jwebbsu r-rieda tagħhom fid-dnub, ikunu għażlu t-telfien ta' dejjem. Xi jfisser dan il-kliem? (2 marki)
*b. When humans choose to fully override God and harden their will in sin, they would have chosen eternal loss. What do these words mean? (2 marks)*

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***
***Please turn the page.***

ċ. Kif nistgħu ngħidu li, b'xi mod, il-ġenna u l-infern jibdew minn din id-dinja stess? (3 marki)
*c. How can we say that, somehow, heaven and hell start from this world? (3 marks)*

d. Għaliex l-Insara jemmnu li għad jirbħu saħansitra fuq il-mewt? X'inhu l-pedament ta' dan it-twemmin? (3 marki)
*d. Why do Christians believe that they are to win even over death? What is the foundation of this belief? (3 marks)*

e. Għaliex min jemmen f'Ġesù jħares lejn il-ġejjieni b'tama u b'kuraġġ? (3 marki)
*e. Why do those who believe in Jesus look into the future with hope and courage? (3 marks)*

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**

**SESSJONI MEJJU 2016/MAY 2016 SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NO.: | IIA |
| DATA/DATE: | 21 ta' Mejju 2016/21st May 2016 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

**Din il-karta għandha 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Wieġeb TLIETA minn dawn il-ħames mistoqsijiet f'forma ta' esej. Kull mistoqsija tiswa 50 marka minn total ta' 150.**
***This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer EITHER in English OR in Maltese. Answer THREE of these five questions in essay format. Each question carries 50 marks out of a total of 150.***

1. **Id-dnub tal-bniedem u s-salvazzjoni mwiegħda minn Alla.**
*1. **Human sin and salvation promised by God.***
   a. Mill-istorja ta' Adam u Eva x'kien id-dnub oriġinali? Irreferi għas-simboli ta' dan ir-rakkont u għat-tifsira tagħhom.
   *a. From the story of Adam and Eve what was the original sin? Refer to the symbols of this narrative and their meaning.*
   b. Skont il-Ġenesi, liema kienu l-konsegwenzi tad-dnub tal-bniedem? Semmi wkoll xi ġrajjiet oħra mill-Ġenesi li juru t-tixrid tad-dnub fid-dinja.
   *b. According to Genesis, what were the consequences of human sin? Also mention some other events from Genesis to show the spread of sin in the world.*
   ċ. Irreferi għall-wegħda tas-salvazzjoni li Alla għamel fl-istorja ta' Adam u Eva u mbagħad, fil-qosor, uri kif fl-Eżodu Alla jikkonferma bil-fatti r-rieda tiegħu li jsalva lill-bniedem minn dak kollu li jżommu lsir.
   *c. Refer to the promise of salvation that God made in the story of Adam and Eve and then, briefly, show how in Exodus, God confirms with facts his willingness to save humans from all that holds them enslaved.*

2. **Is-siwi tal-ħajja.**
*2. **The value of life.***
   a. Semmi u ikteb dwar **ħames** ħidmiet favur il-ħajja u **ħames** ħidmiet kontra l-ħajja.
   *a. Name and write about **five** pro-life related issues and **five** others that are against.*
   b. X'tgħallem il-Knisja dwar l-abort, l-ewtanasja u d-droga?
   *b. What does the Church teach about abortion, euthanasia and drugs?*
   ċ. Semmi u ikteb dwar **erba'** affarijiet li jistgħu jtejbu l-ħajja taċ-ċittadini Maltin fid-dawl tal-messaġġ Nisrani.
   *c. Name and write about **four** things that can improve the life of Maltese citizens in the light of the Christian message.*

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

**3. Il-Knisja ta' Kristu llum.**

***3. The Church of Christ today.***

a. Iddiskuti **tliet** xbihat li uża Ġesù biex jiddiskrivi l-Knisja. Fisser kif dawn juru aspetti differenti tar-realtà meraviljuża li hi l-Knisja ta' Kristu.

*a. Discuss **three** images that Jesus used to describe the Church. Explain how they show different aspects of the wonderful reality that is the Church of Christ.*

b. Ikteb xi nfissru meta ngħidu li fil-Ġisem ta' Kristu "jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu; jekk membru jingħata l-ġieħ, jifirħu lkoll miegħu." (1 Kor. 12, 26)

*b. Write what we mean when we say that in the Body of Christ "if one part is hurt, all the parts share its pain. And if one part is honoured, all the parts share its joy." (1 Cor. 12, 26)*

ċ. Il-Knisja għandha tagħti mħabba u attenzjoni speċjali lill-"imwarrbin" tas-soċjetà, bħalma għamel Ġesù tul ħajtu kollha. Agħti eżempji ta' nies li huma "mwarrbin" illum u ikteb dwar kif inti tista' tagħmel differenza. (Aħseb f'eżempji mill-ħajja tiegħek ta' kuljum.)

*c. The Church must show love and give special attention to the "marginalised" of society, as Jesus did all his life. Give examples of people who are "marginalised" today and write about how you can make a difference. (Think of examples from daily life.)*

4. **L-imħabba.**

***4. Love.***

a. Il-lingwa Griega għandha tliet kelmiet għall-kelma "mħabba": eros, filija u agape. Għaliex Ġesù Kristu, kif ippreżentat fl-evanġelju ta' San Ġwann, dejjem uża l-kelma "agape'' meta tkellem dwar l-imħabba li biha għandu jħobb in-Nisrani?

*a. The Greek language has three words for the word "love": eros, filia and agape. Why did Jesus Christ, as presented in the Saint John's gospel, always use the word 'agape' when talking about the type of love the Christian should observe?*

b. Spjega l-għanijiet tal-imħabba fiż-żwieġ.

*b. Explain the aims of love in marriage.*

ċ. Illum xi wħud jitkellmu fuq "kriżi fil-familja u fiż-żwieġ". Għaliex iż-żwieġ sab ruħu f'din is-sitwazzjoni u x'soluzzjoni tipproponi fid-dawl tal-messaġġ Nisrani?

*c. Today some people speak of 'a crisis in the family and in marriage'. Why did marriage find itself in this situation and what solution do you propose in the light of the Christian message?*

**5. "Kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi." (1 Kor. 11, 26)**

***5. "Whenever you eat this bread and drink this cup, you are proclaiming the Lord's death until he comes." (1 Cor. 11, 26)***

a. Għaliex l-Insara jemmnu li biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa jkunu qegħdin jagħtu lil Alla l-ogħla qima, u jġeddu l-għaqda sħiħa tagħhom miegħu?

*a. Why do Christians believe that with the celebration of the Mass they are giving God the highest worship, and renew their full unity with him?*

b. Kif jaqbel is-sagrifiċċju tal-Quddiesa mas-sagrifiċċju ta' fuq il-Golgota? Spjega fid-dettall.

*b. How is the sacrifice of the Mass compared to the sacrifice on Golgotha? Explain in detail.*

ċ. Uri x'għandhom jagħmlu l-Insara fil-ħajja tagħhom ta' kuljum sabiex bħal Ġesù fl-Ewkaristija jkunu tabilħaqq offerta lil Alla l-Missier u lil ħuthom il-bnedmin. Irreferi għal ħidmiet li jistgħu jagħmlu biex iġibu 'l quddiem il-ġustizzja u s-solidarjetà.

*c. Show what Christians should do in their daily life so that, like Jesus in the Eucharist, they can truly be an offering to God the Father and to their fellow human beings. Refer to tasks that they can do to enhance justice and solidarity.*

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
# SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL

## SESSJONI MEJJU 2016/MAY 2016 SESSION

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NO.: | IIB |
| DATA/DATE: | 21 ta' Mejju 2016/21st May 2016 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m./4:00 p.m. to 6:05 p.m. |

**Din il-karta għandha 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Wieġeb GĦAXRA minn dawn l-14-il mistoqsija f'forma ta' paragrafu. Kull mistoqsija tiswa 15-il marka minn total ta' 150.**
***This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer EITHER in English OR in Maltese. Answer TEN from these fourteen questions in paragraph format. Each question carries 15 marks out of a total of 150.***

1. "Tħabtu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem" (Ġw. 6, 27). Fil-bniedem hemm xewqa li jgħix għal dejjem. Fisser kif ir-reliġjon tgħinna nibnu ħajja spiritwali pożittiva.
   *"Do not work for food that goes bad, but work for food that endures for everlasting life." (Jn. 6, 27) The human person experiences a yearning for everlasting life. Explain how religion can help us build a positive spiritual life.*

2. Għaliex l-Insara jemmnu li l-Bibbja hija ktieb imnebbaħ minn Alla u miktub fi kliem il-bniedem?
   *Why do Christians believe that the Bible is a book inspired by God and written in the words of the human being?*

3. Id-dnub tal-bniedem tal-bidu hu l-għerq li minnu jissokta jixtered il-ħażen fid-dinja. Agħti l-ispjegazzjoni tiegħek għal din il-verità biblika.
   *The sin of the first human beings is the source through which evil continues to spread in the world. Give your explanation to this Biblical truth.*

4. Alla jinteressah il-ġid tal-umanità u ma jħalli qatt lill-bnedmin waħedhom. B'liema modi naraw dan fil-ktieb tal-Eżodu?
   *God is interested in humanity's welfare and never leaves human beings alone. In what ways do we see this in the book of Exodus?*

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***
***Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

5. Jason ikkonverta għall-Kristjaneżmu. Emmen b'Ġesù u rriforma ħajtu. Darba minnhom, iltaqa' ma' wieħed raġel, li staqsieh: "Smajt li kkonvertejt. X'taf dwar Ġesù ... il-parabboli ... jew il-mirakli li għamel?" U l-ieħor wieġbu, "Le sinjur, xejn ma naf minn dawn!" Finalment staqsieh, "Mill-Evanġelji, x'taf dwar Ġesù?" U dan reġa' wieġeb, "Xejn!" Ir-raġel qallu, "Ħsibtek se tkun taf aktar dwar Ġesù peress li għadek tikkonverti". U dan issa wieġbu, "Forsi dwar Ġesù għadni ftit injorant, imma li naf hu li bidilli ħajti għall-aħjar."
*Jason converted to Christianity. He believed in Jesus and changed his life. One day, he met a man, who asked him: "I heard that you converted. What do you know about Jesus ... the parables ... or the miracles performed?"And the other replied, "No sir, I know nothing about these!" Finally, he asked him, "From the Gospels, what do you know about Jesus?" And once again he replied, "Nothing!" The man told him, "I thought that you would know more about Jesus since you've just converted." And he now replied, "It could be that about Jesus I am a little bit ignorant, but I know that He changed my life for the better."*

   Min kien Ġesù, u b'liema mod salva mhux biss lir-raġel li kkonverta, iżda lill-bnedmin kollha?
   *Who was Jesus, and how did he save not only this converted man, but all human beings?*

6. Għaliex lill-Knisja nsejħulha 'l-Poplu l-Ġdid ta' Alla' u 'l-familja ta'Alla'?
   *Why is the Church called 'the New People of God' and 'the family of God'?*

7. Ġanni daħal l-għassa tal-pulizija b'basket iswed f'idu, sab Surġent wara l-bank, u qallu, "Jekk insib xi ħaġa u ma nafx min hu sidha, suppost inġibha għandkom, hux hekk"? "Iva, hekk hu" wieġbu s-Surġent. "Sibt dan il-basket waqt li kont qed nistenna tal-linja, u ma nafx x'fih," żied Ġanni. Is-Surġent fetħu u baqa' mistgħaġeb mhux biss għall-ammont ta' flus li kien fih, imma wkoll għall-ġest ta' Ġanni.
*John entered the police station with a black bag in hand, found a Sergeant behind the counter, and said, "If I find something and I do not know its owner, am I supposed to bring it to you?" "Yes," replied the Sergeant. "I found this bag while I was waiting for the bus, and I do not know what it contains," added John. The Sergeant opened it and he was astonished not only for the amount of money it contained, but also for John's action.*

   Iddiskuti d-deċiżjoni li ħa Ġanni.
   *Discuss the decision taken by John.*

8. B'liema modi għandna niċċelebraw l-Ewkaristija f'Jum il-Mulej?
   *In what ways should we celebrate the Eucharist on the Lord's Day?*

9. X'għandu jkun ir-rwol taċ-ċittadin Nisrani fl-attività politika għall-ġid tas-soċjetà?
   *What should the role of the Christian citizen be in political activity for the benefit of society?*

10. Il-Magħmudija u l-Ġriżma tal-Isqof huma tnejn mis-Sagramenti tal-Inizjazzjoni Nisranija. Spjega r-rabta ta' bejniethom.
*Baptism and Confirmation are two of the Sacraments of Christian Initiation. Explain the connection between them.*

11. Ġesù ltaqa' mal-morda u għenhom. B'liema mod il-Knisja għadha twettaq din il-ħidma permezz tal-Griżma tal-Morda?
*Jesus met the sick and helped them. How does the Church still perform this task through the Anointing of the Sick?*

12. "Dak li hu meħtieġ huwa atti konkreti ta' solidarjetà ... (ix-xogħol huwa) l-mod effettiv li bih titqiegħed fil-prattika l-imħabba lejn għajrna. Ix-xogħol tiegħek hu forma mill-aqwa ta' servizz lill-oħrajn sakemm iġib benefiċċji ta' kull xorta lis-soċjetà." (Laqgħa tal-Papa Ġwanni Pawlu II mal-ħaddiema Maltin - 26 ta' Mejju 1990).
Uri, permezz ta' **żewġ** eżempji, kif ix-xogħol hu mezz ta' żvilupp fis-solidarjetà.
*"What are needed are concrete acts of solidarity ... (work is) an effective way of putting into practice love of neighbour. Your work, in so far as it brings benefits of all kinds to society, is a magnificent form of service to others." (Pope John Paul II's meeting with Maltese workers – 26th May 1990)*
*Show, by means of* ***two*** *examples, how work is a way of development in solidarity.*

13. Il-vokazzjoni ewlenija tal-bniedem hi li jħobb. Il-miżżewġin għandhom iħobbu lil xulxin bi mħabba ġeneruża u diżinteressata. Ikteb u fisser ir-raġunijiet tajbin li għalihom wieħed għandu jidħol għaż-żwieġ?
*The primary vocation of the human being is to love. The spouses should love each other with a generous and disinterested love. Write and explain the good reasons for which one should enter marriage.*

14. Fil-Kredu nistqarru li aħna nemmnu fl-Ispirtu s-Santu. Min hu l-Ispirtu s-Santu u x'inhu r-rwol tiegħu fil-ħajja tan-Nisrani?
*In the Creed we profess that we believe in the Holy Spirit. Who is the Holy Spirit and what is his role in the life of the Christian?*